

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ġunju 2010

dwar manwal aġġornat b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed

(2010/C 165/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Billi:

- (1) L-objettiv tal-Unjoni Ewropea hu, fost oħrajn, li jipprovdi liċ-ċittadini bl-livell għoli ta' sigurtà fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bl-iżvilupp ta' azzjoni komuni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-pulizija mutatis mutandis b'rabta ma' kooperazzjoni internazzjonali oħra kif stabilit taħt it-Titolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Fil-21 ta' Ġunju 1999 il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar manwal għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol internazzjonali ⁽¹⁾.
- (3) Din ir-riżoluzzjoni ġiet l-ewwel sostitwita mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 u aktar tard mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed ⁽²⁾.
- (4) Ir-riżoluzzjoni attwali tissuġġerixxi li jiġu proposti emendi għall-manwal fid-dawl tal-esperjenza reċenti.
- (5) B'kont meħud tal-esperjenza fi snin reċenti, b'hat-Tazza tad-Dinja fl-2006 u l-Kampjonati Ewropej fl-2008 u l-

valutazzjoni tal-esperti tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija fil-qafas ta' dawk it-tornej kif ukoll il-kooperazzjoni estensiva bejn il-pulizija fir-rigward ta' partiti internazzjonali u tal-klabbs fl-Ewropa inġenerali u żviluppi u esperjenzi komparabbli fir-rigward ta' avvenimenti sportivi oħrajn b'dimensjoni internazzjonali, il-manwal anness mar-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-4 ta' Diċembru 2006 ġie rivedut u aġġornat.

- (6) Il-bidliet inklużi fil-manwal aġġornat anness huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti, b'mod partikolari d-diviżjonijiet u r-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet differenti u s-servizzi fl-Istati Membri konċernati, u għall-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

B'DAN JADOTTA DIN IR-RIŻOLUZZJONI:

- (1) Il-Kunsill jitlob li l-Istati Membri jkomplu jtejbu l-kooperazzjoni bejn il-pulizija fir-rigward ta' partiti tal-futbol (u, fejn adatt, avvenimenti sportivi oħrajn) b'dimensjoni internazzjonali.
- (2) Għal dak il-għan, il-manwal aġġornat hawn anness jipprovdi eżempji ta' metodi ta' ħidma ferm rakkomandati li għandhom isiru disponibbli għall-pulizija.
- (3) Din ir-Riżoluzzjoni tissostitwixxi r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006.

⁽¹⁾ ĠU C 196, 13.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 322, 29.12.2006, p. 1-39.

ANNEX

Manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wiehedKapitolu Kontenut tal-manwal**Introduzzjoni - Prinċipji Bażiċi**

1. Ġestjoni tal-informazzjoni mill-pulizija
2. Tħejjijiet relatati mal-avveniment mill-pulizija
3. Kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija matul l-avveniment
4. Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-organizzatur
5. Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġustizzja kriminali u l-aġenziji ta' prosekuzzjoni
6. Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-partitarji
7. Strateġija tal-komunikazzjoni u tal-midja
8. Laqgħa ta' Esperti tal-Futbol fil-Livell tal-UE
9. Lista ta' dokumenti rilevanti dwar is-sigurtà u s-sikurezza fil-partiti tal-futbol

Appendiċi

1. Valutazzjoni Dinamika tar-Riskji u Ġesjoni tal-Folol
2. Limitu ta' żmien biex issir talba għal prodotti u servizzi tal-Europol
3. Speċifikazzjonijiet għal u kampjun ta' Flokk ta' Identifikazzjoni tal-Pulizija
4. Kategorizzazzjoni ta' Partitarji tal-Futbol

INTRODUZZJONI PRINĊIPJI BAŻIĊI

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jissaħħu s-sigurtà u s-sikurezza fil-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, u b'mod partikolari biex tiġi mmassimizzata l-effikaċja tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija.

Il-kontenut, fejn adatt, jista' japplika wkoll għal avvenimenti sportivi oħrajn b'dimensjoni internazzjonali.

Il-kontenut huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti, b'mod partikolari l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-aġenziji differenti f'kull Stat Membru.

Minkejja li dan id-dokument jiffoka prinċipalment fuq il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija, fid-dawl tan-natura tal-ġestjoni tal-futbol (u avvenimenti sportivi oħrajn) li tinvolvi diversi aġenziji, hemm referenzi għal interazzjoni tal-pulizija ma' sħab prinċipali oħrajn bħall-organizzatur tal-avveniment.

Il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u operazzjonijiet taż-żamma tal-ordni mill-pulizija fil-futbol għandhom jiġu gġwidati mill-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità. Eżempji ta' prattika tajba jingħataw fl-Appendiċi 1.

Filwaqt li l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru organizzatur huwa responsabbli biex jipprovi avveniment sigur, l-awtoritajiet fi stati parteċipanti, ġirien u ta' transitu għandhom responsabbiltà li jassistu fejn jeħtieġ il-każ.

Dan id-dokument għandu jitqassam b'mod wiesa' u jiġi applikat f'kull Stat Membru u pajjiżi Ewropej oħrajn u lil hinn sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' sigurtà u sikurezza u tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali effettiva bejn il-pulizija.

KAPITOLU 1**Ġestjoni tal-informazzjoni mill-pulizija**

TAQSIMA 1

Ċerti kriterji li jistgħu jintlaħqu fir-rigward tal-ġestjoni tal-informazzjoni

I. INTRODUZZJONI

L-iskambju f'waqt ta' informazzjoni preċiża huwa tal-aktar importanza fit-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza u l-prevenzjoni ta' vjolenza u diżordni relatati mal-futbol.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI, kull Stat Membru għandu jstabbilixxi Punt Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Futbol (NFIP) biex jaġġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ċentrali u uniku għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, u għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija dwar il-partiti tal-futbol.

Fejn hemm kuntatt dirett bejn il-pulizja organizzaturi u viżitaturi, kwalunkwe informazzjoni skambjata għandha tiġi kondiviża simultanjament mal-NFIPs rilevanti. Tali kuntatt m'għandux jipperikola r-rwol prinċipali tal-NFIP fl-iżgurar tal-kwalità tal-informazzjoni u disseminazzjoni usa' lil sħab u awtoritajiet rilevanti oħrajn.

Ir-relazzjoni bejn l-NFIP u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha tkun soġġetta għal-liġijiet nazzjonali applikabbli.

Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI, kull Stat Membru għandu jiżgura li:

- L-NFIP ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effiċjenti u bi standard sodisfaċenti;
- L-NFIP għandu jkun attrezzat bil-faċilitajiet tekniċi meħtieġa għat-tweqqif effiċjenti u rapidu tal-kompiti tiegħu;
- Il-persunal tal-NFIP ikun imħarreġ u attrezzat biex jipprovdi sors nazzjonali ta' ħila esperta rigward iż-żamma tal-ordni mill-pulizja fil-futbol u kwistjonijiet assoċjati ta' sigurtà u sikurezza.

L-NFIPs għandhom jaħdmu abbażi tal-ekwivalenza.

II. KOMPITI B'DIMENSJONI INTERNAZZJONALI

L-NFIP għandu jappoġġa l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Abbażi tal-informazzjoni li ġiet analizzata u vvalutata, il-proposti jew r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa ser jintbagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jgħinu fl-iżvilupp ta' politika dwar kwistjonijiet relatati mal-futbol li tinvolvi diversi aġenziji.

L-NFIP għandu jappoġġa lill-pulizija lokali fir-rigward ta' partiti tal-futbol nazzjonali jew internazzjonali.

Għall-benefiċċju tal-NFIPs ta' pajjiżi oħrajn, kull NFIP għandu jżomm analiżi aġġornata tar-riskji ⁽¹⁾ relatata mal-klabbs u t-tim nazzjonali ta' tagħhom. L-analiżi tar-riskji hija ġeneralment kondiviża ma' NFIPs oħrajn bl-użi ta' formoli disponibbli fuq il-websajt tal-NFIP (www.nfip.eu) ⁽²⁾.

Kull NFIP għandu jkollu aċċess għad-databases rilevanti nazzjonali tal-pulizija. L-iskambju ta' informazzjoni personali hu soġġett għal-liġi nazzjonali u internazzjonali applikabbli, speċjalment id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Prum ⁽³⁾ jew ftehimiet binazzjonali jew multilaterali.

L-NFIP għandu jiżgura li kull informazzjoni hija soġġetta għall-kontroll tal-kwalità fir-rigward tal-kontenut.

⁽¹⁾ Analiżi tar-riskji tfisser l-iżvilupp ta' profil dwar partitarji nazzjonali u tal-klabbs, inkluż gruppi riskjużi u r-relazzjoni ta' tagħhom ma' partitarji oħrajn f'pajjiżhom u barra minnu inkluż gruppi ta' popolazzjoni lokali u ċ-ċirkostanzi li jistgħu jkabbru l-potenzjal ta' riskju (inkluż interazzjoni ma' pulizija u stewards).

⁽²⁾ Il-websajt tal-NFIP hija websajt sigura ħafna disponibbli għall-użu ekleżiv tal-NFIPs li fiha informazzjoni relatata ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (eż. informazzjoni ġenerali dwar il-klabbs, rapporti ta' qabel u wara l-partiti).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 - "dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali" (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

L-NFIP jista' fejn adatt, jestendi dan l-iskambju ta' informazzjoni għal aġenziji oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u s-sikurezza.

L-informazzjoni kollha għandha tiġi skambajta bl-użu ta' formoli adatti pprovduti fuq il-websajt tal-NFIP.

III. SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI TAL-PULIZIJA

1. Tipi ta' informazzjoni

Tista' ssir distinzjoni bejn informazzjoni ġenerali u informazzjoni personali. It-terminu "avveniment" hu użat biex ifisser partita jew tornew tal-futbol speċifiku fl-aspetti kollha tiegħu.

(a) Informazzjoni ġenerali

L-informazzjoni ġenerali tista' tinqasam fi tliet kategoriji:

- informazzjoni strateġika: informazzjoni li tiddefinixxi l-avveniment fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, b'attenzjoni partikolari għar-riskji għas-sigurtà u s-sikurezza assoċjati mal-avveniment;
- informazzjoni operattiva: informazzjoni li tgħin fl-analiżi ta' kwalunkwe riskju potenzjali b'rabta ma' avveniment;
- informazzjoni tattika: informazzjoni li tassisti lill-persuna responsabbli fil-livell operattiv biex tirreaġixxi b'mod adatt għal kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza matul l-avveniment.

(b) Informazzjoni personali

F'dan il-kuntest, informazzjoni personali tirreferi għal informazzjoni dwar individwi li huma vvalutati li jirrappreżentaw riskju potenzjali għas-sigurtà pubblika b'konnessjoni mal-avveniment. Dan jista' jinkludi individwi li preċedentament ikkawżaw jew ikkontribwew għal vjolenza u diżordni f'konnessjoni ma' partiti tal-futbol.

2. Sekwenza kronoloġika tal-iskambju ta' informazzjoni

Jistgħu jiġu ddifferenzjati tliet fażijiet: qabel, matul u wara l-avveniment. Dawn it-tliet fażijiet mhux bil-fors ikunu dejjem strettament separati.

(a) Kompitu tal-NFIP tal-pajjiż organizzatur

1. Qabel l-avveniment

Fil-livell strateġiku, ir-reqwiziti ta' informazzjoni jintbagħtu lill-NFIP tal-pajjiż/pajjiżi sostenituri. Dan ir-reqwizit għandu jinkludi:

- analiżi tar-riskju tal-partitarji tat-tim viżitatur
- informazzjoni rilevanti oħra rigward is-sigurtà u s-sikurezza tal-avveniment eż. dettalji tal-vjaġġi tal-partitarji u theddid politiku jew theddid ieħor

L-NFIP tal-pajjiż organizzatur għandu jipprovi informazzjoni dwar il-leġislazzjoni applikabbli u l-politika tal-awtoritajiet (eż. politika dwar l-alkoħol), l-organizzazzjoni tal-avveniment u l-persunal prinċipali għas-sigurtà u s-sikurezza.

L-informazzjoni rilevanti kollha għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-NFIPs l-oħrajn konċernati u tiddaħħal fil-websajt tal-NFIP permezz ta' formoli adatti.

Fil-livell operattiv, l-NFIP tal-pajjiż / pajjiżi sostenituri għandu jintalab jipprovi informazzjoni f'waqtha u preċiża rigward il-movimenti ta' partitarji ta' riskju u mhux ta' riskju, it-tim parteċipanti (fejn hemm theddida) u l-bejgħ ta' biljetti, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

L-NFIP tal-pajjiż organizzatur għandu jipprovi informazzjoni lill-NFIP tal-pajjiż (pajjiżi) sostenituri b'mod partikolari fir-rigward tal-integrazzjoni tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur fl-operazzjoni taż-żamma tal-ordni mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur u informazzjoni għall-partitarji viżitaturi, eċċ.

2. Matul l-avveniment

Fil-livell operattiv, l-NFIP tal-pajjiż organizzatur jista' jitlob konferma tal-informazzjoni pprovduta qabel u jitlob analiżi aġġornata tar-riskji. It-talba għandha titressaq u titwieġeb permezz ta' sistema ta' uffiċjali ta' kollegament jekk tali sistema tkun ġiet stabbilita.

Fil-livell tattiku, l-FIP tal-pajjiż organizzatur għandu jipprovi informazzjoni dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.

Għandha tiġi pprovduta wkoll lill-NFIPs tal-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiżi rilevanti ta' transitu informazzjoni ġenerali rigward ir-ritorn tal-partitarji li jinkludu dawk li jkunu tkeċċew u/jew inċaħdihom id-dħul.

3. Wara l-avveniment

L-NFIP tal-pajjiż organizzatur għandu (permezz tal-formoli adatti fuq il-websajt tal-NFIP) jipprovi informazzjoni lill-NFIPs sostenituri:

- rigward l-imġiba tal-partitarji sabiex l-analiżi tar-riskji tista' tiġi aġġornata mill-NFIPs tal-pajjiż/klabb li huma jappoġġaw u/jew fejn huma jirresjedu;
- dwar id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe inċident. Informazzjoni rigward arresti jew sanzjonijiet għandhom jiġi skambjati skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali;
- dwar l-utilità operattiva tal-informazzjoni li huma pprovdew u tal-appoġġ tad-delegazzjoni jew delegazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur (ara Kapitolu 2).

(b) Kompiti tal-NFIP tal-pajjiż / pajjiżi sostenituri

1. Qabel l-avveniment

L-NFIP tal-pajjiż / pajjiżi sostenituri għandu jirrispondi għall-ħtieġa ta' informazzjoni tal-NFIP tal-pajjiż organizzatur u, fuq inizzjattiva tiegħu, jipprovi l-informazzjoni kollha rilevanti lil kwalunkwe NFIP ikkonċernat.

2. Matul l-avveniment

L-informazzjoni pprovduta għandha tiġi aġġornata u l-movimenti u s-soġġorn tal-partitarji għandhom jiġu mmonitorjati. Għandha tiġi pprovduta lill-pajjiż organizzatur u kwalunkwe NFIP rilevanti ieħor informazzjoni utli dwar inċidenti relatati mal-avveniment fil-pajjiż ta' oriġini matul partiti jew tornej.

3. Wara l-avveniment

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-NFIP tal-pajjiż organizzatur u d-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur l-analiżi tar-riskji għandha tiġi aġġornata (ara Kapitolu 2).

Għandha titwettaq valutazzjoni dwar l-informazzjoni skambjata u l-ħidma tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur.

TAQSIMA 2

Gwida addizzjonali dwar il-kompiti tal-NFIPs

Fil-livell nazzjonali l-NFIP għandu jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni rigward partiti tal-futbol u fejn adatt, jikkoordina u jorganizza l-taħriġ u l-ħidma ta' uffiċjali ta' intelligence u/jew spotters.

L-NFIPs għandhom ikunu l-kanal għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi mhux fl-UE. Jekk dawn il-pajjiżi m'għandhomx NFIP huma għandhom jintalbu jindikaw punt ta' kuntatt uniku u ċentrali. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom jintbagħtu lil NFIPs oħra u jiddaħħlu fil-websajt tal-NFIP.

Fil-livell nazzjonali l-NFIP għandu jaġixxi bħala ċentru ta' għarfien. Barra l-pulizija, l-impjegati taċ-ċivil u l-akkademiċi għandhom jikkontribwixxu għar-rwol tal-NFIP bħala ċentru ta' għarfien.

NFIP jista' jidħol fi ftehim bilaterali formali ma' pajjiż terz rigward l-iskambju ta' ċerta informazzjoni skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom stess. Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi kondiviża ulterjorment mingħajr ftehim mal-oriġinatur.

Għat-tornej, l-NFIP tal-pajjiż organizzatur għandu jikkomunika mal-NFIP tal-pajjiż/pajjiżi sostenituri permezz tal-uffiċjal ta' kollegament nazzjonali fejn dan ikun innominat.

Fl-okkażjoni ta' partita ta' darba, l-NFIP tal-pajjiż organizzatur għandu jikkomunika mal-NFIP tal-pajjiż sostenitur permezz tal-uffiċjal ta' kollegament innominat jew Koordinatur tal-Operazzjonijiet tal-pajjiż.

Fir-rigward ta' materji bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata l-NFIP tal-pajjiż organizzatur jew l-aġenzija kompetenti tal-pulizija għandhom jikkomunikaw permezz ta' kwalunkwe netwerk eżistenti jew uffiċjali ta' kollegament speċjalisti maħtura għal dak il-għan.

L-Europol jista', skont il-mandat legali tiegħu, ikollu rwol importanti fl-appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li jorganizzaw tornej internazzjonali kbar tal-futbol, billi jipprovdni fuq talba, informazzjoni u analiżi rilevanti kif ukoll valutazzjonijiet ġenerali ta' theddid dwar kriminalità serja u organizzata kif ukoll terroriżmu. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni, uffiċjal ta' kollegament tal-Europol (ELO) jista' jkun stazzjonat fuq il-post matul l-avveniment ⁽¹⁾.

Jekk hemm ċentru lokali ta' informazzjoni dwar il-futbol, dan għandu jikkoopera mal-NFIP. Iċ-ċentru lokali ta' informazzjoni u l-NFIP għandhom iżommu lil xulxin infurmati. Dan il-fluss ta' informazzjoni għandu jieħu kont tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur.

KAPITOLU 2

Tħejijiet relatati mal-avveniment mill-pulizija

Delegazzjonijiet ta' Pulizija tal-Pajjiż Viżitatur

Tħejijiet effiċjenti għall-avveniment mill-pulizija fil-pajjiż organizzatur ser ikunu appoġġati minn skambju komprensiv ta' informazzjoni, skont il-prinċipji li jinsabu fil-kapitolu 1 ta' dan il-manwal.

L-NFIP tal-pajjiż organizzatur, wara konsultazzjoni mill-qrib mal-pulizija ta' pajjiżu, għandu jistieden delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur minn pajjiżi li jistgħu jikkontribwixxu valur miżjud. Dan il-valur miżjud għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' għadd ta' fatturi bħall-esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-imġiba ta' partitarji viżitaturi inkluż partitarji riskjużi u l-kapaċità li wieħed jipprovdni lill-pulizija tal-pajjiż organizzatur informazzjoni maħsuba biex timminimizza r-riskji għall-ordni pubbliku.

L-NFIP tal-pajjiż organizzatur jista' wkoll jistieden lil uffiċjali tal-pulizija li qed ifittxu li jiksbu esperjenza bħala membru tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur, biex b'hekk ikunu jistgħu jipprovdni valur miżjud f'partiti tal-futbol li jinvolvu l-partitarji tagħhom fil-futur.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI, għal partiti ta' futbol ta' darba b'dimensjoni internazzjonali, l-istedina formali għal delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandha tiġi trasmessa permezz tal-NFIP fil-pajjiż organizzatur, li jirċievi parir mill-pulizija konċernata. B'kont meħud tal-għanijiet speċifiċi tal-kooperazzjoni, l-istedina għandha tindika l-kompożizzjoni tad-delegazzjoni u tikkjarifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom. Hija għandha wkoll tispeċifika d-durata maħsuba taż-żmien tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur fil-pajjiż organizzatur.

Għal tornej internazzjonali u partiti ta' darba (jekk ikun hemm talba ta' NFIP) l-istedina formali għal delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandha tiġi mill-Ministeru responsabbli fil-pajjiż organizzatur, fuq il-parir tal-NFIP tal-pajjiż organizzatur, u tista' tkun soġġetta għal ftehim intergovernattiv.

⁽¹⁾ Ara l-appendiċi 2 għal dettalji dwar il-limitu ta' żmien biex jintalbu prodotti u servizzi tal-Europol.

Jekk delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur ma tkunx mistiedna mill-NFIP tal-pajjiż organizzatur, l-NFIP tal-pajjiż mittenti jista', jekk ikun meqjus adatt, jippreżenta proposta proattiva lill-NFIP organizzatur biex tintbagħat delegazzjoni. Jekk l-NFIP tal-pajjiż organizzatur ma jaċċettax il-proposta, kwalunkwe delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur li tivvjaġġa xorta waħda, tkun qed taġixxi b'mod mhux uffiċjali barra mill-ambitu ta' dan il-manwal.

Id-dettal tal-arranġamenti (eż. setgħat tal-pulizija, taġħmir, uniformijiet eċċ.) dwar id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandu jinqabel permezz ta' negozjati bejn l-NFIPs rispettivi, wara konsultazzjoni mal-pulizija lokali għall-partita ta' darba. Jekk m'hemmx fis-seħħ ftehim governattiv binazzjonali, dawn l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI⁽¹⁾ u l-liġijiet nazzjonali applikabbli.

Id-delegazzjoni tal-pajjiż viżitatur m'għandhiex teċċedi l-għadd maqbul mill-NFIP tal-pajjiż organizzatur u għandha ttrisspetta l-arranġamenti ta' kmand u kontrol tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur. Jekk taġixxi b'mod li mhux fit-termini tal-ftehim tkun qed taġixxi barra mill-ambitu ta' dan il-manwal u d-Deċiżjonijiet applikabbli tal-Kunsill tal-UE u t-Trattati.

L-istedina dettaljata għall-appoġġ għandha tkun miftiehma bejn l-NFIPs konċernati ħafna minn qabel tornew u/jew partita ta' darba sabiex id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur ikollha żmien suffiċjenti għat-tħejjija. F'dak il-kuntest, għandha tiġi ppreżentata mill-aktar fis possibbli stedina għall-appoġġ wara li titħabbar id-data tal-partita.

Għall-partiti ta' darba b'dimensjoni internazzjonali, id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur teħtieġ tal-anqas 3 ġimgħat żmien għat-tħejjija. Jekk ikun hemm preavviż ta' inqas minn tliet ġimgħat għal partita (pereżempju fl-aħħar stadij ta' kompetizzjoni għal klabbs Ewropej jew minħabba żieda fil-livell tar-riskju) l-istedina għandha tintbagħat immedjatament. Għal tornej internazzjonali, id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur teħtieġ tal-anqas 16-il ġimgħa żmien ta' tħejjija.

Arranġamenti Finanzjarji

Fkull okkażjoni l-pajjiż organizzatur għandu jħallas għall-akkomodazzjoni, ikel (jew sussistenza) u faċilitajiet oħrajn magħmula disponibbli lokalment filwaqt li l-pajjiż viżitatur għandu jħallas għall-ivvjaġġar u s-salarji tal-membri tad-delegazzjoni involuti. Eċċezjonalment, l-NFIPs rispettivi jistgħu jaqblu dwar arranġamenti alternattivi. Jeħtieġ li dawn l-arranġamenti jiġu ċċarati fil-Protokoll għall-iskjerament ta' delegazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur, kif disponibbli fil-websajt tal-NFIP.

Reponsabbiltajiet tal-Pulizija tal-Pajjiż Organizzatur

Il-pulizija fil-pajjiż organizzatur għandha tipprovdi opportunità għall-membri prinċipali tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur biex isiru midħla tal-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-pulizija fil-pajjiż organizzatur u/jew il-belt/il-bliet tal-avveniment u mal-lokazzjoni tal-istadiums, u biex isiru jafu l-kmandant(i) operattiv(i) fil-belt/fil-bliet tal-avveniment fil-ġranet tal-partiti.

- għal tornej internazzjonali, dan għandu jsir tal-anqas xahar qabel it-tornej (eż. billi jiġu ospitati sessjonijiet ta' ħidma jew seminars għal membri prinċipali tad-delegazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur).
- għal partiti ta' darba b'dimensjoni internazzjonali, din għandha tkun f'waħda mill-ġranet qabel il-partita.

Akkompanjament għal Delegazzjonijiet ta' Pulizija tal-Pajjiż Viżitatur

Huwa importanti ferm li tiġi żgurata s-sigurtà tal-membri kollha tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur u dan għandu jkun rifless fil-valutazzjonijiet tar-riskji tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur u dak viżitatur fir-rigward tal-iskjerament tal-pulizija.

Il-membri viżitaturi tad-delegazzjoni tal-pulizija, b'mod partikolari l-Uffiċjal ta' Kollegament, il-Koordinatur tal-Operazzjonijiet u l-uffiċjali tal-pulizija operattivi (ara hawn taħt) għandhom jaħdmu flimkien ma' uffiċjali tal-pulizija lokali (komunement magħrufa bħala ċiċeruni) li huma nfushom għandhom ikunu uffiċjali tal-pulizija fis-servizz, preferibbilment b'esperjenza taż-żamma tal-ordni mill-pulizija fil-futbol fil-belt jew pajjiż taġħhom stess, inkluż konoxxenza taż-żona tal-avveniment u ż-żoni b'riskji potenzjali.

Iċ-ċiċeruni:

- għandhom jiġu integrati fl-operazzjoni nazzjonali / lokali taż-żamma tal-ordni mill-pulizija u għandu jkollhom l-abbiltà li jirċievu u jittrażmettu informazzjoni biex il-kmandanti operattivi tal-pulizija jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet importanti;
- għandu jkollhom għarfien tal-organizzazzjoni, il-proċessi u l-istruttura tal-kmand tal-pulizija taġħhom;

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

- m'għandux ikollhom il-kompitu ta' monitoraġġ tal-partitarji riskjużi tagħhom waqt li jkunu skjerati biex jakkumpanjaw membri ta' delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur;
- għandhom ikunu informati kompletament dwar l-operazzjoni taż-żamma tal-ordni mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur u dwar il-kompiti mistennija tal-membri tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur;
- ikunu responsabbli għas-sigurtà tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur u jipprovdu mezz ta' komunikazzjoni mal-pulizija tal-pajjiż organizzatur;
- għandhom ikunu skjerati mad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għad-durata tal-operazzjoni; dan ikun ta' għajjnuna biex tiġi żviluppata relazzjoni ta' ħidma effettiva;
- għandhom jaħdmu mad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur b'lingwa komuni miftiehma minn qabel.

Kompożizzjoni u Kompiti tad-Delegazzjoni tal-Pulizija tal-Pajjiż Viżitatur

Il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandha tippermettilhom jappoġġaw l-operazzjoni taż-żamma tal-ordni mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur pereżempju permezz ta':

1. Ħidma u komunikazzjoni lill-pulizija tal-pajjiż organizzatur dwar valutazzjoni dinamika tar-riskji (ara l-Appendiċi 1);
2. Komunikazzjoni u interazzjoni mal-partitarji tal-pajjiż viżitatur;
3. Jekk permess fil-leġislażjoni nazzjonali tal-pajjiż organizzatur u soġġett għall-qbil tal-pajjiż organizzatur u għbir ta' intelligence u evidenza fisem il-pulizija tal-pajjiż organizzatur jew għal għanijiet tagħhom stess.

Skond in-natura preċiża tal-appoġġ li għandu jiġi pprovdut il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni tista' tkun kif ġejja:

1. **Kap tad-Delegazzjoni** li hu inkarigat b'mod funzjonali u ġerarkiku mid-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur;
2. **Uffiċjal ta' Kollegament** (jew aktar kif miftiehem mill-NFIPs rispettivi) li hu responsabbli b'mod partikolari għall-iskambju ta' informazzjoni bejn pajjiżu u l-pajjiż organizzatur;
3. **Koordinatur tal-Operazzjonijiet** li hu responsabbli għall-koordinament tal-ħidma tal-uffiċjali tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur;
4. **uffiċjali tal-pulizija operattivi** (b'ilbies komuni jew bl-uniformi) bi dmirijiet ta' spotting, kollegament tal-partitarji, skorta jew dmirijiet oħra;
5. **portavuċi / uffiċjal tal-stampa**. Il-Kap tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur jista', jekk jitqies adatt, jaġixxi ta' portavuċi u / jew ikollu l-uffiċjal tal-istampa tiegħu proprju.

Kompiti prinċipali

Uffiċjal ta' Kollegament u/jew Koordinatur tal-Operazzjonijiet

Ix-xogħol assenjat lil Uffiċjal ta' Kollegament u / jew Koordinatur tal-Operazzjonijiet għandu jippermetti skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pajjiż viżitatur u dak organizzatur b'rabta ma' partita tal-futbol ta' darba jew tornew.

Huwa possibbli li ż-żewġ rwoli jitwettqu mill-istess uffiċjal. Id-deċiżjoni dwar jekk dan huwiex adatt jew le għandha tiġi maqbula bejn il-pulizija tal-pajjiż organizzatur u dawk tal-pajjiż viżitatur fuq bażi ta' każ b'każ qabel ma jiġu skjerati fil-pajjiż organizzatur.

L-Uffiċjal ta' Kollegament/Koordinatur tal-Operazzjonijiet għandhom, bħala rekwiżit minimu, ikollhom:

- għarfien Prattiku tajjeb ta' dan il-manwal;

- intendiment tal-proċessi meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni;
- il-kapaċità li jirrappreżentaw lil pajjiżhom u r-rwol tagħhom b'mod effettiv fil-kollegamenti mas-servizzi tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur (jiġifieri li jkunu diplomatiċi, kunfidenti fihom infushom, indipendenti u li kapaċi jikkomunikaw b'lingwa komuni maqbula minn qabel);
- għarfien tal-isfond tas-sitwazzjoni rigward il-vjolenza relatata mal-futbol / diżordni f'pajjiżhom.

Il-kompiti prinċipali ta' Uffiċjal ta' Kollegament/Koordinatur tal-Operazzjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- li jiġbru u jittrasferixxu informazzjoni / intelligence bejn id-delegazzjoni tagħhom u l-pulizija tal-pajjiż organizzatur jew dawk lokali;
- li jiżguraw skjerament effettiv tal-uffiċjali tal-pulizija operattivi tagħhom (bl-uniformi u / jew ilbies komuni) sabiex ikollhom rwol integrali fl-operazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur għall-avveniment;
- li jipprovdu pariri fil-ħin u preċiżi lill-kmandant tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur jew dawk lokali.

Matul tornej internazzjonali l-Uffiċjal ta' Kollegament x'aktarx li jkun ibbażat f'Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Infurmazzjoni tal-Pulizija (PICC) uniku jew binazzjonali filwaqt li l-Koordinatur tal-Operazzjonijiet jista' jkun ibbażat f'ċentru lokali tal-infurmazzjoni fiż-żona fejn tkun ser tintlagħab il-partita. Għall-partiti ta' darba huma jistgħu jkunu bbażati fl-NFIP tal-pajjiż organizzatur jew xi ambjent adatt ieħor.

Għal partita ta' darba l-Uffiċjal ta' Kollegament/Koordinatur tal-Operazzjonijiet għandu jaħdem mill-qrib mal-pulizija tal-belt organizzatriċi.

Sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv il-pulizija tal-pajjiż organizzatur għandhom jipprovdu aċċess għat-tagħmir tekniku rilevanti lill-Uffiċjali ta' Kollegament/Koordinaturi tal-Operazzjonijiet.

Uffiċjali tal-Pulizija Operattivi

Skjerament ibbilanċjat tajjeb tal-uffiċjali tal-pulizija operattivi tal-pajjiż viżitatur, kemm bl-uniformi kif ukoll b'ilbies komuni (komunement imsejħa spotters), jista':

- jintuża mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur bħala mezz ta' interazzjoni mal-partitarji tal-pajjiż viżitatur sabiex ikun ta' assistenża għall-ġestjoni tal-folla;
- jassisti fit-tnaqqis tal-anonimità tal-partitarji riskjużi fil-folla, u l-kapaċità tagħhom li jinstigaw u / jew jipparteċipaw f'atti ta' vjolenza jew diżordni mingħajr konsegwenzi ulterjuri;

L-uffiċjali għandu jkollhom esperjenza fiż-żamma tal-ordni mill-pulizija f'partiti tal-futbol f'pajjiżhom stess.

Huma:

- għandu jkollhom il-ħiliet u l-esperjenza li jikkomunikaw b'mod effettiv (fejn adatt) sabiex jinfluwenzaw l-imġiba tal-partitarji; u / jew
- speċjalisti fl-imġiba tal-partitarji tagħhom u r-riskji potenzjali li jippreżentaw; u
- kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv matul l-avveniment lill-kmandanti tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur, permezz tal-Uffiċjal ta' Kollegament/Koordinatur tal-Operazzjonijiet tagħhom, l-infurmazzjoni dwar it-tip ta' riskju li huma jistgħu jippreżentaw f'xi ħin u post partikolari.

Il-membri tad-delegazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw kwistjonijiet pożittivi kif ukoll dawk negattivi rigward il-partitarji tat-tim jew it-tim nazzjonali tagħhom. Dan għandu jippermetti lill-kmandanti tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur biex jieħdu deċiżjonijiet ibbilanċjati dwar il-ħtieġa li jintervjenu jew li jiffaċilitaw l-imġiba leġittima tal-partitarji.

Huwa importanti li hawnhekk jiġi enfaszżat li r-rwol primarju tal-uffiċjali tal-pulizija operattivi tal-pajjiż viżitatur huwa wieħed konsultattiv u mhux operattiv jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Soġġett għall-qbil mill-pajjiż organizzatur, l-uffiċjali tal-pulizija operattivi tal-pajjiż viżitatur jistgħu wkoll jiġu skjerati għall-ġbir ta' intelligence / provi permezz tal-użu tat-tagħmir maqbul għall-użu mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur jew għal finijiet ta' prosekuzzjoni f'pajjiżhom stess.

KAPITOLU 3

Kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija matul l-avveniment

Għandu jsir użu massimu mill-appoġġ u l-valur miżjud li tista' tipprovdi d-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur lill-operazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur.

Id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandha tkun informata dwar il-pjan operattiv tal-organizzazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur (inklużi l-filosofija dwar il-ġestjoni tal-folol u l-livelli ta' tolleranza ta' mġiba tagħhom). Huma għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fl-operazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur (u jingħataw il-possibbiltà li jattendu u jipparteċipaw fl-aqgħat ta' informazzjoni qabel il-partita u ta' s'tħarriġ informattiv wara l-partita).

Rigward l-użu tal-lingwi, għandhom isiru arranġamenti minn qabel mill-pajjiżi kkonċernati.

Il-pulizija tal-pajjiż organizzatur u d-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandhom iżommu lill-NFIPs rispettivi tagħhom informati bl-iżviluppi tul l-operazzjoni u jippreżentaw lill-NFIP tagħhom rapport ta' wara l-partita fi żmien sebat ijiem.

Il-membri tad-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandhom ikunu protetti mill-midja dment li ma jsirux arranġamenti speċifiċi mal-kap tad-delegazzjoni.

Id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandha dejjem tiżgura li l-azzjonijiet tagħha ma jipperikolawx bla bżonn is-sikurezza ta' persuni oħrajn ⁽¹⁾.

F'każ ta' emerġenza (jiġifieri meta jkun hemm theddida immedjata għas-sikurezza fiżika tiegħu/tagħha) jew meta jsir qbil konġunt għal raġunijiet tattiċi, l-uffiċjal(i) tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur li ma jkunux skjerati bl-uniformi għandhom jużaw il-flokkijiet ta' identifikazzjoni standard luminużi u distintivi tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur, kif deskritti fl-Appendiċi 3. Kull uffiċjal tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur għandu jieħu dan il-flokk miegħu meta jivvjaġġa barra mill-pajjiż.

Il-forza tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur, f'konsultazzjoni mal-organizzaturi tal-futbol, għandha tiżgura li, fejn adatt, id-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur ikollha aċċess u akkreditazzjoni għall-istadium (siġġijiet mhux meħtieġa), biex id-delegazzjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. L-istewards u persunal ieħor għas-sikurezza u s-sigurtà għandhom jiġu mġarrfa b'dan fl-informazzjoni mogħtija qabel il-logħba.

Il-pajjiżi li għandhom il-possibbiltà legali li ma jħallux li l-partitarji riskjużi jivvjaġġaw barra mill-pajjiż għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiksbu dan l-objettiv b'mod effettiv u għandhom jinfurmaw lill-pajjiż organizzatur skont il-każ. Kull pajjiż għandu jieħu l-miżuri kollha possibbli biex ma jħallix liċ-ċittadini tiegħu stess jipparteċipaw fi u/jew jorganizzaw disturbi fl-ordni pubbliku f'pajjiż ieħor.

Il-forzi tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur għandhom ifittxu li jkollhom interpreti disponibbli għal-lingwi mitkellma mill-partitarji minn pajjiżi viżitaturi. Dan jista' jiffranka lid-delegazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur milli jwettqu dan il-kompitu, li jista' jtellifhom milli jwettqu l-kompiti operattivi attwali. Dawn l-interpreti jistgħu wkoll jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-pulizija tal-pajjiż organizzatur u d-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur.

KAPITOLU 4

Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-organizzatur

TAQSIMA 1

Rwol tal-organizzatur

L-organizzaturi tal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali għandhom jaġhmlu kulma jistgħu biex jiżguraw is-sikurezza u ġestjoni effettiva tal-folol fl-istadium, qabel, matul u wara l-partita, sabiex il-pulizija tkun tista' tiġi skjerata b'mod kemm jista' jkun effiċjenti.

⁽¹⁾ Ara l-Artikoli 21 & 22 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Prum dwar ir-responsabbiltà ċivili u dik kriminali.

Approċċ ikkoordinat bejn il-partijiet kollha involuti huwa prerekwiżit ta' strateġija effiċjenti għall-organizzazzjoni ta' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali. Huwa ferm rakkomandat li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-organizzatur, l-imsieħba privati involuti, l-awtoritajiet pubbliċi u l-pulizija.

Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà l-awtoritajiet u/jew il-pulizija għandhom jimponu lill-organizzatur rekwiżiti minimi li jrid jissodisfa biex jorganizza partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali. Għal dan il-għan, tista' tintuża l-lista ta' kontroll tal-Kunsill tal-Ewropa (ara l-Kapitolu 9).

TAQSIMA 2

Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-organizzatur

L-organizzatur għandu jaħtar individwu li jkun responsabbli għas-sikurezza fl-istadium (komunement imsejjaħ l-Uffiċjal ta' Sikurezza). Huwa importanti li l-pulizija jkollhom kollegament mill-qrib ma' dan l-individwu.

Il-pulizija u l-organizzazzjoni responsabbli għas-sikurezza fl-istadium għandhom jaħdmu flimkien fuq bażi komplementari, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u l-kompiti proprji ta' kull naħa, li huma ddeterminati mil-liġi nazzjonali u/jew stabbiliti jew speċifikati fi ftehim bil-miktub bejn l-organizzatur u l-pulizija.

Dment li ma jkunx iddeterminat mil-liġi nazzjonali, dan il-ftehim għandu jindika liema kompiti għandhom jitwettqu mill-organizzatur u liema kompiti mill-pulizija, b'attenzjoni partikolari fuq ir-rwoli rispettivi tal-uffiċjal ta' sikurezza u tal-kmandant tal-pulizija fil-post, u dawk tal-persunal tas-sikurezza u tal-uffiċjali tal-pulizija.

Dment li ma jkunx iddeterminat mil-liġi nazzjonali, il-ftehim għandu wkoll jidentifika speċifikament:

- min għandu jwettaq il-kurduni tal-pulizija u t-tfittxija ta' qabel id-dħul;
- min għandu jkun responsabbli għal miżuri ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-moviment tal-folol u jieħu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ u l-għeluq tal-kanċelli u x-xtiebi ta' dħul li jduru;
- l-assistenza li għandhom jipprovdu l-uffiċjali tal-pulizija lill-persunal tas-sikurezza u/jew viċi versa fil-prevenzjoni tal-inkwiet jew fit-trattament ta' dawk li jaqalgħu l-inkwiet;
- min għandu jiddeċiedi dwar il-posponiment tal-bidu tal-partita u f'liema ċirkostanzi (normalment l-organizzatur għal raġunijiet ta' sikurezza, il-pulizija fil-każ ta' diżordni pubbliku attwali jew potenzjali);
- min għandu jiddeċiedi u f'liema ċirkostanzi li partita tiġi abbandunata u min għandu jkun responsabbli għall-kollegament mar-referi;
- iċ-ċirkostanzi li fihom il-pulizija għandhom jieħdu kontroll tal-istadium kollu jew parti minnu, il-proċedura kif dan għandu jsir u għar-ritorn eventwali tal-kontroll lill-organizzatur;
- min għandu jidderieġi u jissorvelja l-evakwazzjoni tal-istadium u f'liema ċirkostanzi;
- min għandu jinforma lis-servizzi tal-emerġenza bi kwalunkwe inċident li jeħtieġ jew li x'aktarx li jkun jeħtieġ il-preżenza tagħhom;
- min għandu jattiva l-proċeduri ta' emerġenza tal-organizzatur.

KAPITOLU 5

Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-aġenziji tal-ġustizzja u dawk tal-prosekuzzjoni

Il-kontenut ta' dan il-kapitolu għandu jitqies fil-kuntest ta' varjazzjonijiet kbar fl-istruttura u l-kompetenzi tal-aġenziji tal-ġustizzja u l-prosekuzzjoni fl-Istati Membri.

Jista' jkun hemm benefiċċji sinifikanti mill-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-pulizija u l-aġenziji tal-ġustizzja u dawk tal-prosekuzzjoni kemm fir-rigward tal-partiti ta' darba kif ukoll tat-tornej.

Filwaqt li l-pajjiż organizzatur għandu s-sovranità u l-ġurisdizzjoni li jittratta r-reati allegati kollha relatati mal-avveniment, il-pulizija u awtoritajiet oħrajn fl-Istati Membri u l-korpi kompetenti tal-UE (p.e. l-Eurojust) għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jassistu u jappoġġaw lill-aġenziji tal-ġustizzja u dawk tal-prosekuzzjoni fil-pajjiż organizzatur.

L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li jkun possibbli li r-reati relatati mal-avveniment jiġu ttrattati rapidament u adegwatament.

Il-pulizija u awtoritajiet oħrajn tal-pajjiż organizzatur għandhom jinformat lill-pulizija u lill-partitarji tal-pajjiż viżitatur bil-leġislazzjoni domestika rilevanti u / jew bil-proċeduri kriminali, ċivili jew amministrattivi flimkien mal-pieni massimi għall-aktar reati komuni relatati mal-futbol.

Il-ftehimiet multilaterali eżistenti dwar l-assistenza legali reċiproka (MLA) għandhom jiġu uttilizzati bis-sħiħ għall-partiti kollha tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali fejn adatt u barra minn hekk il-pajjiż organizzatur jista' jaqbel dwar arranġamenti bilaterali ma' kwalunkwe pajjiż ieħor għal MLA msaħħa, qabel, matul u wara l-avveniment.

L-NFIP tal-pajjiż/pajjiżi ta' appoġġ għandu jinforma lill-NFIP tal-pajjiż organizzatur:

- bi kwalunkwe possibbiltà legali (p.e. mandati ta' projbizzjoni tal-futbol / projbizzjonijiet ta' ħruġ) li għandhom li ma jħallux lil partitarji riskjużi jattendu l-avveniment;
- dwar liema possibbiltajiet jistgħu jiġu offruti, f'konformità mal-liġi nazzjonali jew internazzjonali, lid-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur u / jew xi aġenzija kompetenti oħra (p.e. il-prosekuturi ta' kollegament tal-pajjiż viżitatur) fil-qafas tal-ftehim bilaterali bejn il-pajjiżi involuti biex jinġabru l-provi dwar kwalunkwe reat relatat mal-futbol imwettaq mill-partitarji tal-pajjiż viżitatur;
- dwar liema reati mwettqin fil-pajjiż organizzatur jistgħu jittieħdu passi kontrihom fil-pajjiż ta' appoġġ (mar-ritorn ta' min wettaq ir-reat).

Il-pajjiż organizzatur jista' jstieden lil kwalunkwe pajjiż ieħor biex jibgħat prosekutur/imhalef ta' kollegament jew xi korp ieħor b'poter ta' prosekuzzjoni biex ikun preżenti matul l-avveniment.

Huwa rakkomandat li, f'konformità mal-liġi nazzjonali inkluża l-protezzjoni tad-data, l-awtorità rilevanti tal-pajjiż organizzatur tipprovdi lid-delegazzjoni tal-pulizija u/jew l-aġenzija kompetenti tal-pajjiż viżitatur (p.e. il-prosekuturi ta' kollegament tal-pajjiż viżitatur) b'informazzjoni mir-rekords ġudizzjarji jew tal-qorti u mir-rapporti tal-pulizija jew dawk investigattivi, inklużi r-rekords ta' arrest, taċ-ċittadini tagħhom.

Alternattivament, il-pajjiż ta' appoġġ jista' jaqbel li jkun disponibbli fuq talba prosekutur/imhalef ta' kollegament jew xi korp ieħor b'poter ta' prosekuzzjoni li jista' jivvjaġġa lejn il-pajjiż organizzatur fuq talba tiegħu, jew li jinħatar prosekutur / imhalef ta' kollegament innominat jew xi korp ieħor b'poter ta' prosekuzzjoni għall-kollegament mal-awtorità tal-pajjiż organizzatur.

Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali L-NFIP(s) ta' appoġġ għandhom jippruvaw iwieġbu fil-ħin għat-talbiet għal aktar informazzjoni dwar l-individwi arrestati, bħad-dettalji tal-kundanni preċedenti, inklużi r-reati relatati mal-futbol.

L-ispejjeż kollha biex il-prosekuturi/imħallfin ta' kollegament jew xi korp ieħor b'poter ta' prosekuzzjoni jintbagħtu lejn il-pajjiż organizzatur għandhom ikunu soġġetti għal ftehim bilaterali.

Il-pajjiż organizzatur għandu jipprovdi l-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa u faċilitajiet oħrajn għall-prosekuturi/imħallfin ta' kollegament tal-pajjiż viżitatur jew xi korp ieħor b'poter ta' prosekuzzjoni.

KAPITOLU 6

Kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-partitarji

Il-kollegament tal-pulizija mal-gruppi ta' partitarji fil-livell nazzjonali u lokali jista' jkollu impatt sinifikanti biex jiġu mminimizzati r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà fil-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali. Din il-kooperazzjoni tista' madankollu tiġi mminata jekk ikun hemm il-perċezzjoni li r-rappreżentanti tal-partitarji jkunu qegħdin jaħdmu fisem il-pulizija u pereżempju jkunu qegħdin jikkondividu data personali.

Il-pulizija u awtoritajiet oħrajn tal-pajjiż organizzatur għandhom iqisu l-benefiċċji potenzjali assoċjati mal-inizjattivi mmexxija mill-partitarji / relatati mal-partitarji bħall-Ambaxxati tal-Partitarji, il-Proġetti tal-Partitarji u l-Uffiċjali ta' Kollegament / Rappreżentanti tal-Partitarji.

Id-delegazzjonijiet tal-pulizija u r-rappreżentanti tal-partitarji tal-pajjiż viżitatur jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li l-pulizija tal-pajjiż organizzatur ikunu konxji tal-karattru u l-kultura tal-partitarji tal-pajjiż viżitatur. Dan għandu jitties bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni dinamika tar-riskji tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur.

Il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni li tkun għaddeja bejn il-pulizija u l-gruppi ta' partitarji jistgħu jgħinu biex tiġi pprovduta bażi għal atmosfera sikura u akkoljenti għall-partitarji kollha, u jistgħu jipprovdu mezz biex tixxandar informazzjoni importanti bħall-pariri dwar l-ivvjaġġar, ir-rotot ta' aċċess għall-istadium, il-leġislazzjoni applikabbli u l-livelli ta' tolleranza ta' mġiba. Dan jista' jinkludi wkoll il-forniment ta' punt ta' kuntatt u informazzjoni faċilment aċċessibbli fejn il-partitarji jkunu jistgħu jindirizzaw il-mistoqsijiet tagħhom.

Intwera li t-tweqqi ta' dan l-approċċ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-awtodixxiplina fost il-partitarji u biex jiġi faċilitat intervent bikri u adatt fir-rigward tal-problemi jew ir-riskji emerġenti għas-sigurtà.

KAPITOLU 7

Strateġija ta' Komunikazzjoni u tal-Midja

Strateġija ta' Komunikazzjoni

Strateġija ta' komunikazzjoni effettiva u trasparenti hija integrali għal kunċett ta' sikurezza u sigurtà ta' suċċess għall-partiti tal-futbol, it-tornej u avvenimenti sportivi oħrajn b'dimensjoni internazzjonali.

L-aġenziji tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur għandhom, għalhekk, jaħdmu mill-qrib mal-aġenziji governattivi u lokali, l-awtoritajiet tal-futbol/l-organizzatur, il-midja u l-gruppi tal-partitarji fit-tħejija u t-tweqqi ta' strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva b'intervent minn diversi aġenziji.

Strateġija tal-midja effettiva b'intervent minn diversi aġenziji hija aspett kruċjali ta' kwalunkwe strateġija ta' komunikazzjoni f'termini li l-partijiet kollha, speċjalment il-partitarji tal-pajjiż viżitatur, jiġu pprovduti b'informazzjoni importanti bħal pariri dwar l-ivvjaġġar, ir-rotot ta' aċċess għall-istadium, il-leġislazzjoni applikabbli u l-livelli ta' tolleranza ta' mġiba.

L-għan ċentrali għandu jkun li tiġi appoġġata xbieha pożittiva tal-avveniment fost il-partitarji fil-pajjiż u dawk tal-pajjiż viżitatur, il-komunitajiet lokali, il-pubbliku ġenerali u l-individwi li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà. Dan jista' jgħin biex jiġi ġġenerat ambjent akkoljenti għal dawk kollha involuti u għandu rwol kontributorju prinċipali li jimminimizza r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà.

Strateġija tal-Midja

L-istrateġija tal-midja tal-pulizija (u dik usa' b'intervent minn diversi aġenziji) għandha tal-inqas ikollha l-għan li:

- tipprovdi informazzjoni b'mod proattiv, miftuħ u trasparenti;
- tipprovdi informazzjoni dwar it-tħejijiet għas-sikurezza u s-sigurtà b'mod pożittiv u ta' serħan tal-moħħ;
- tikkomunika l-intenzjoni tal-pulizija biex tiffaċilita l-intenzjonijiet leġittimi tal-partitarji;
- tiċċara liema tipi ta' mġiba mhumiex tollerati mill-pulizija;

Il-pulizija għandhom jaħdmu mill-qrib mal-aġenziji governattivi u lokali, l-awtoritajiet tal-futbol / l-organizzaturi u, fejn adatt, il-gruppi tal-partitarji fl-istabbiliment u t-tweqqi ta' strateġija tal-midja b'intervent minn diversi aġenziji li:

- tippromwovi b'mod proattiv xbihat pożittivi tal-avveniment;
- tiżgura li tkun ċara r-responsabbiltà fost il-pulizija u l-aġenziji sħab f'termini ta' min imexxi l-komunikazzjoni tal-midja dwar id-diversi aspetti ta' sikurezza u sigurtà (u lil hinn minn hekk);
- tipprovdi sfond komuni u taġti informazzjoni għall-kelliema kollha tal-pulizija u l-aġenziji sħab (il-materjal ta' informazzjoni għandu jiġi aġġornat b'mod regolari biex jitqiesu t-temi jew il-mistoqsijiet rikorrenti u r-riskji jew l-avvenimenti emerġenti);
- tiżgura li tiġi rilaxxata informazzjoni fattwali lill-midja u / jew fuq l-internet fuq bażi regolari fit-tħejija għall-avveniment, matulu u warajh.

- tipprovdi opportunità għall-għoti ta' informazzjoni lill-istampa/midja fuq bażi regolari;
- tqis il-ħtiġijiet/interessi tal-kategoriji differenti ta' ġurnalisti/midja.

KAPITOLU 8

Laqgħa ta' Esperti tal-Futbol fil-livell tal-UE

Huwa rakkomandat ħafna li kull Presidenza torganizza laqgħa ta' esperti rigward:

- ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-Kapitoli 1 sa 7;
- tendenzi/żviluppi ġodda fl-imgħiba tal-partitarji;
- rabtiet internazzjonali bejn gruppi ta' partitarji;
- kondivizzjoni ta' Prattika tajba fiż-żamma tal-ordni mill-pulizija;
- kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess.

Il-laqgħa tal-Esperti tal-Futbol fil-livell tal-UE tista' tikkummissjona sottogruppi ta' esperti biex jikkunsidraw kwistjonijiet emerġenti fil-qasam tas-sigurtà b'rabta mal-partiti tal-futbol u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet.

Il-Presidenza għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar ir-riżultat tal-laqgħa. Dan ir-rapport jissostitwixxi l-kwestjonarju annwali dwar il-vjolenza marbuta mal-futbol meħtieġ mid-dokument 8356/01 ENFOPOP 40.

KAPITOLU 9

Lista ta' dokumenti rilevanti dwar is-sikurezza u s-sigurtà fil-partiti tal-futbol

TAQSIMA 1

Lista ta' dokumenti adottati preċedement mill-Kunsill tal-UE

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1993 dwar ir-responsabbiltà tal-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi.
2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1994 dwar skambji informali u diretti ta' informazzjoni mal-Pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant fil-qasam ta' avvenimenti sportivi internazzjonali (network ta' persuni ta' kuntatt).
3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1994 dwar skambju ta' informazzjoni fl-okkażjoni ta' avvenimenti u laqgħat importanti (network ta' persuni ta' kuntatt).
4. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 1996 dwar linji gwida għall-prevenzjoni u t-trażżin ta' diżordni marbuta ma' partiti tal-futbol, b'format standard anness għall-iskambju ta' intelligence tal-pulizija dwar persuni li jikkommettu vjolenza marbuta mal-futbol (ĠU C 131, 3.5.1996, p. 1).
5. Azzjoni Konġunta tas-26 ta' Mejju 1997 dwar kooperazzjoni fuq iż-żamma tal-ordni u s-sigurtà (ĠU L 147, 5.6.1997, p. 1).
6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1997 dwar il-prevenzjoni u t-trażżin ta' vjolenza konnessa mal-futbol permezz tal-iskambju ta' esperjenza, l-esklużjoni mill-istadiums u l-politika dwar il-midja (ĠU C 193, 24.6.1997, p. 1).
7. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar manwal għall-kooperazzjoni tal-pulizija fuq livell internazzjonali u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u diżordni konnessi ma' partiti internazzjonali tal-futbol (ĠU C 196, 13.7.1999, p. 1).
8. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-vjolenza u d-diżordni marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed (ĠU C 22, 24.1.2002, p. 1).

9. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' loġġbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (ĠU L 121, 8.5.2002, p. 1).
10. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-Istati Membri ta' projbizzjonijiet għall-aċċess għal postijiet tal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (ĠU C 281, 22.11.2003, p. 1).
11. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-vjolenza u d-diżordni marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed (ĠU C 322, 29.12.2006, p. 1-39).
12. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI dwar sigurtà b'konnessjoni ma' loġġbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali ĠU L 155, 15.6.2007, p. 76-77).

TAQSIMA 2

Lista ta' dokumenti adottati preċedentement mill-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Vjolenza u Mġieba Negattiva tal-Ispettaturi f'Avvenimenti Sportivi u b'mod partikolari f'Partiti tal-Futbol (Kunsill tal-Ewropa)

1. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar vjolenza u mġieba negattiva tal-ispettaturi f'avvenimenti sportivi u b'mod partikolari f'partiti tal-futbol.
2. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (1999) 1 dwar l-Istewarding.
3. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (1999) 2 dwar it-tneħħija ta' ċnut fl-istadiums.
4. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2001) 6 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-prevenzjoni tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza razzjali fl-isport.
5. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (1989) 1 dwar linji gwida għall-bejgħ ta' biljetti u
6. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2002) 1 dwar linji gwida għall-bejgħ ta' biljetti fil-partiti tal-futbol internazzjonali.
7. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2003) 1 dwar ir-rwol ta' miżuri soċjali u edukattivi fil-prevenzjoni tal-vjolenza fl-isport u manwal dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza fl-isport.
8. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2008) 1 dwar il-lista ta' kontroll ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-organizzaturi ta' avvenimenti ta' sport professjonali u mill-awtoritajiet pubbliċi.
9. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2008) 2 dwar l-użu ta' stewards tal-pajjiż viżitatur.
10. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2008) 3 dwar l-użu ta' apparat pirotekniku f'avvenimenti sportivi.
11. Ir-Rakkomandazzjoni Rec (2009) 1 dwar l-użu ta' spazji għat-trażmissjoni fil-pubbliku f'avvenimenti sportivi ta' skala kbira.
12. Ir-rakkomandazzjoni dwar il-prinċipji tal-ospitalità fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi (li għadha ma tlestietx).

Appendiċi 1

Valutazzjoni Dinamika tar-Riskji u Ġestjoni tal-Folol

B'kont meħud ta':

- id-dokument 8241/05 ENFOPOL 40 dwar valutazzjoni dinamika tar-riskju fil-kuntest ta' partiti internazzjonali tal-futbol,
- id-dokument 8241/05 ENFOPOL 41 dwar prestazzjoni tattika tal-pulizija għall-ġestjoni tal-ordni pubbliku b'konnessjoni ma' partiti internazzjonali tal-futbol,
- l-esperjenza u l-lezzjonijiet ta' Euro 2004 u t-tornej sussegwenti,
- l-evalwazzjoni tal-filosofija dwar iż-żamma tal-ordni mill-pulizija, komunement magħrufa bħala l-approċċ 3D (djalogu, deskalazzjoni u determinazzjoni) matul Euro 2008,

il-konsiderazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu applikati għall-valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza u s-sigurtà qabel, matul u wara l-avveniment.

Prinċipji Ewlenin

L-intendiment attwali ta' ġestjoni effettiva tal-folol jissottolinja l-importanza li:

- jinżammu perċezzjonijiet ta' żamma adatta ta' ordni mill-pulizija fost il-parteċipanti fil-folol,
- jiġi evitat l-użu tal-forza kontra l-folol inġenerali meta tkun biss minoranza li tkun qiegħda tippreżenta riskju għall-ordni pubbliku,
- "profil baxx" jew approċċ tattiku "gradat" għaż-żamma tal-ordni mill-pulizija li jsaħħu l-kapaċità tal-pulizija għall-komunikazzjoni, id-djalogu u l-valutazzjoni dinamika tar-riskju.

Faċilitazzjoni

- l-approċċ strateġiku għandu jkun preventiv permezz ta' intervent b'impatt baxx aktar milli repressiv,
- huwa importanti li f'kull stadju tal-operazzjoni l-istrateġija u t-tattika tal-pulizija għandhom iqisu l-intenzjonijiet leġittimi tal-partitarji u jiffaċilitawhom, dment li dawn ikunu paċifiċi (p.e. biex jiċċelebraw l-identità u l-kultura tagħhom, jivvjaġġaw lejn il-post tal-avveniment sportiv u lura b'mod sikur),
- jekk ikun meħtieġ li jiġu imposti limiti fuq l-imġiba tal-partitarji, huwa importanti li jkun hemm komunikazzjoni ma' dawk il-partitarji dwar ir-raġuni għalfejn tkun ittieħdet azzjoni mill-pulizija u liema mezzi alternattivi jkunu qegħdin jistabbilixxu l-pulizija biex jinkisbu għanijiet leġittimi.

Bilanċ

- matul kwalunkwe avveniment għall-folol il-livelli ta' riskju għall-ordni pubbliku jistgħu jinbidlu rapidament,
- huwa importanti li jkun hemm bilanċ proporzjonat bejn l-istil tal-iskjerament tal-pulizija u l-livell, is-sorsi u n-natura tar-riskju fil-punt tal-interazzjoni bejn il-pulizija u l-folol,
- huwa importanti li ż-żamma tal-ordni mill-pulizija tkun gradata u tkun kapaċi tinbidel direttament b'rispons għannatura u l-livelli tar-riskju emerġenti u għat-tnaqqis tiegħu,
- fejn jinkiseb bilanċ, ikun aktar probabbli li l-maġġoranza ta' nies fil-folla jqisu l-azzjonijiet tal-pulizija bħala adatti u huwa anqas probabbli li jappoġġaw u li jassoċjaw ruħhom ma' dawk li jfittxu l-konfrontazzjoni,
- għaldaqstant, bħala għajnuna biex titnaqqas il-probabbiltà ta' inċidenti u l-iskala tagħhom, huwa importanti li l-valutazzjonijiet tar-riskju jkunu preċiżi u jinformaw lit-tattika tal-pulizija f'kull żmien.

Distinzjoni

- l-użu indiskriminat tal-forza jista' jikkontribwixxi għal eskalazzjoni ġenerali fil-livelli ta' diżordni pubbliku permezz tal-interazzjoni tagħha mad-dinamika tal-folla,
- id-distinzjoni bejn il-partitarji individwali li verament jippreżentaw periklu u dawk li ma jagħmlux dan hija għalhekk konsiderazzjoni li għandha tkun parti minn kull deċiżjoni strateġika u tattika relatata mal-ġestjoni tal-folol (p.e. it-taħriġ, l-ippjanar, l-għoti ta' informazzjoni u l-prattika operattiva),

- l-azzjoni kontra l-folla kollha li tinzerta tkun preżenti f'post partikolari mhijiex adatta, dment li ma jkunx hemm provi li n-nies kollha jkunu qegħdin ifittxu b'mod uniformi li jipprovokaw diżordni.

Djalogu

- importanti li jkun hemm komunikazzjoni proattiva mal-partitarji. Dan l-aħjar li jinkiseb mill-uffiċjali tal-pulizija b'ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni,
- il-mira hija li tinħoloq atmosfera akkoljenti u jiġi evitat il-potenzjal għall-konflitt,
- dan l-approċċ jista' jassisti fil-ġbir ta' informazzjoni ta' kwalità tajba rigward l-intenzjonijiet, il-perspettivi, il-preokkupazzjonijiet u s-sensittivitajiet tal-partitarji u kwalunkwe informazzjoni oħra rigward ir-riskju potenzjali,
- dan jippermetti wkoll lill-pulizija li jikkomunikaw it-tħassib rigward l-imġiba tal-partitarji, ir-riskji li jistgħu jiffaċċjaw u s-soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li titfaċċa.

Mudelli ta' Prattika tajba

Qabel l-avveniment

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis:

- il-kultura sottostanti tal-grupp ta' partitarji li għandhom ikunu kkontrollati mill-pulizija (p.e. l-imġiba karatteristika, il-motivazzjonijiet u l-intenzjonijiet),
- kwalunkwe fattur li x'aktarx li jkollu impatt fuq ir-riskju p.e. l-attivitajiet ta' gruppi oħrajn (bħall-partitarji tal-oppożizzjoni u / jew il-komunitajiet lokali), is-sensittivitajiet, l-imgħoddi, u kwalunkwe ħaġa oħra ta' sinifikat partikolari (dati, postijiet, forom ta' azzjoni, simboli),
- kwalunkwe ċirkostanza li x'aktarx li jkollha impatt fuq l-imġiba jew ir-riskji li jippreżentaw dawk il-partitarji jew il-gruppi li jitqies li jippreżentaw riskju għall-ordni pubbliku.

Il-livelli ta' tolleranza tal-imġiba għandhom ikunu definiti u l-prijorità għandha tkun li dawn ikunu kkomunikati lill-organizzazzjonijiet tal-partitarji. Għandu jiġi kkunsidrat li l-partitarji jiġu inkoraġġuti jinġabru f'ambjent sikur/ikkontrollat (p.e. żona tal-partitarji).

Abbażi ta' din l-informazzjoni u l-intelligence relatati mal-avveniment sportiv speċifiku għandu jkun possibbli li jiġu previsti u ssir distinzjoni bejn l-avvenimenti sportivi ta' riskju normali u dawk ta' riskju akbar għall-ordni pubbliku.

Huwa importanti li ssir distinzjoni ċara bejn ir-riskji għal tipi speċifiċi ta' inċidenti, bħall-ordni pubbliku, is-sikurezza pubblika, il-kriminalità fir-rigward ta' avvenimenti tal-massa u t-terroriżmu.

Kuntatt inizjali

Peress li l-livell ta' riskju għall-ordni pubbliku mhux fiss iżda huwa dinamiku ħafna, huwa jista' jiżjed u jonqos malajr skont iċ-ċirkostanzi. Il-livelli ta' riskju għandhom għalhekk ikunu mmonitorjati u vvalutati b'mod preċiż fuq bażi kontinwa.

Bil-għan li dan jinkiseb:

- il-pulizija għandhom jinvolvu ruħhom fl-livelli għoljin ta' interazzjoni interpersonali pożittiva mal-partitarji (qagħda mhux aggressiva, jitbissmu, jiġu skjerati f'pari jew fi gruppi żgħar b'uniformi standard, jinfirxu b'mod wiesa' u qalb il-folol, jakkomodaw it-talbiet għar-ritratti, eċċ),
- fejn il-lingwa ma tkunx ostaklu, l-uffiċjali għandhom jippruvaw jikkomunikaw mal-partitarji biex jiġbru informazzjoni dwar l-imġiba, l-intenzjonijiet, il-preokkupazzjonijiet, is-sensittivitajiet tagħhom u kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-imġiba tagħhom,
- l-unitajiet ta' intervent (jiġifieri "l-iskwadri kontra l-irvellijiet" b'taġmhir protettiv, vetturi, eċċ) għandhom jinżammu f'postijiet diskreti dment li s-sitwazzjoni ma tiddeterminax li jkun meħtieġ intervent aktar qawwi.

Dan jassisti fil-ġbir ta' informazzjoni mill-pulizija tal-pajjiż organizzatur u jinforma d-deċiżjonijiet ta' kmand rigward l-iskjerament tattiku abbażi ta' valutazzjoni kontinwa u attwali tar-riskju.

Riskju akbar

Fejn jiġu identifikati ċirkostanzi li jkunu jippreżentaw riskju huwa importanti li:

- jiġi kkomunikat lil dawk li jkunu qegħdin jippreżentaw ir-riskju li huma qed jipprovokaw il-potenzjal għal intervent mill-pulizija,

— fejn l-inċident ikun jinvolvi l-partitarji viżitaturi, il-valutazzjonijiet tal-pulizija tal-pajjiż organizzatur għandhom ikunu vvalidati mid-delegazzjoni tal-pulizija tal-pajjiż viżitatur.

Jekk il-miżuri msemmija hawn fuq ma jsoolvu is-sitwazzjoni, jista' jkun meħtieġ użu ulterjuri ta' forza mill-pulizija. L-objettiv tal-iskjerament tal-pulizija f'dan l-istadju huwa li jiġi minimizzat ir-riskju ulterjuri u għaldaqstant huwa essenzjali li kull azzjoni ma teskalax it-tensjoni (p.e. l-użu indiskriminat ta' forza). Fejn jiġi identifikat potenzjal għal riskju akbar:


- huwa essenzjali li l-informazzjoni dwar il-persuni li jkunu qegħdin joħlqu r-riskju u n-natura tiegħu tiġi kkomunikata b'mod ċar lill-iskwadri ta' intervent li jkunu skjerati sabiex kwalunkwe użu ta' forza jiġi mmirat b'mod adatt,
- dawk li ma jkunux qegħdin jippreżentaw riskju għandhom jitħallew jitolqu mill-inħawi u / jew jingħataw xi ħin biex jimponu "l-awtodixxiplina".

Deskalazzjoni

— ladarba l-inċident(i) jkunu ġew solvuti l-livelli taż-żamma tal-ordni mill-pulizija għandhom jerġgħu lura għal livell adatt.

Wara l-avveniment

— għandu jitwettaq sħarriġ informattiv bir-reqqa u għandha tiġi rreġistrata mal-NFIP kwalunkwe informazzjoni rilevanti (p.e. il-kwalità tal-informazzjoni li tasal qabel u matul l-avveniment, l-imġiba u l-ġestjoni tal-partitarji, it-tattika tal-pulizija u l-infurzar tal-livelli ta' tolleranza).



Appendiċi 2

Limitu ta' żmien biex issir talba għal prodotti u servizzi tal-Europol ⁽¹⁾

	Talba Uffiċjali lill-Europol
Valutazzjoni Ġenerali Inizjali ta' Theddid dwar Kriminalità Organizzata relatata mal-Avveniment (GTA)	D ⁽¹⁾ -12-il xahar
Valutazzjoni Ġenerali Inizjali ta' Theddid dwar Terroriżmu relatat ma' l-Avveniment (GTTA)	D-12-il xahar
Aġġornamenti tal-GTA u/jew tal-GTTA	D-6 xhur
Valutazzjoni(jiet) Speċifika(iċi) (kategorija ta' kriminalità) ta' Theddid	D-6 xhur
Appoġġ Analitiku Operattiv fil-qafas tal-Fajls ta' Analiżi eżistenti tal-Europol	D-4 xhur
Kors ta' Taħriġ fl-Analiżi Strateġika	D-8 xhur
Kors ta' Taħriġ fl-Analiżi Operattiva	D-8 xhur
Korsijiet Speċjalizzati ta' Taħriġ (qasam speċifiku ta' kriminalità)	D-6 xhur
Uffiċjal ta' Kollegament tal-Europol <i>in loco</i>	D-12-il xahar

⁽¹⁾ Data tal-bidu tal-avveniment.

⁽¹⁾ L-Appoġġ tal-Europol għall-Istati Membri – Avvenimenti Sportivi Internazzjonali Kbar (Nru tal-fajl tal-Europol: 2570-50rl).

Appendiċi 3

Speċifikazzjonijiet għal u kampjun ta' flokkijiet ta' identifikazzjoni tal-pulizija

Dan huwa flokk li jidħol (mill-għonq) u mingħajr kmiem

Kulur: BLU TAN-NATO:

Kodiċi tal-kulur: Pantone 279C

Marki ta' identifikazzjoni

Kelma waħda: POLICE (bl-Ingliż biss) imdawra b'kaxxa - li għandha tkun pożizzjonata fiċ-ċentru tal-flokk kemm fuq quddiem u kemm fuq wara.

Itrri u burdura tal-POLICE: Sfond Blu tan-Nato.

Kemm l-ittri u kemm il-kaxxa li ddawwarhom għandhom ikunu tal-fidda luminuża.

Qisien tal-kaxxa = 25 cm × 9 cm

Itrri tal-POLICE: Wisa' = 1,3 cm kull ittra
Għoli = 7,5 cm

Quddiem tal-flokk:

Sider Xellug (il fuq mill-kaxxa POLICE): Bandiera nazzjonali 10 cm × 7 cm - irrakkmata/meħjuta jew f'komma tal-plastik.

Sider Lemin (il fuq mill-kaxxa POLICE): Simbolu tal-UE 8 cm × 8 cm


Taħt il-kaxxa POLICE għandu jkun hemm faxxa tal-fidda luminuża tul in-naħa ta' quddiem tal-flokk × 5 cm wiesgħa.

Wara tal-flokk:

Bandiera nazzjonali 'l fuq mill-kaxxa POLICE: 10 cm × 7 cm.


Taħt il-kaxxa POLICE għandu jkun hemm faxxa tal-fidda luminuża tul in-naħa ta' wara tal-flokk × 5 cm wiesgħa.

Il-flokkijiet għandhom ikunu jistgħu jiġi allaccjati permezz tal-Velcro jew qafliet tat-tip popper fuq iż-żewġ naħat.



Appendiċi 4

Kategorizzazzjoni ta' partitarji tal-futbol

**Definizzjoni ta' Partitarju "Riskjuż"**

Persuna, magħrufa jew le, li tista' tiġi kkunsidrata bħala li tippreżenta riskju possibbli għall-ordni pubbliku jew mgħiba antisoċjali, kemm jekk ippjanati jew spontanji, fi jew inkonnessjoni ma' avveniment tal-futbol (ara l-valutazzjoni dinamika tar-riskju hawn taħt)

Definizzjoni ta' Partitarju "Mhux Riskjuż"

Persuna, magħrufa jew le, li tista' tiġi kkunsidrata bħala li ma tippreżenta l-ebda riskju għall-kawża ta' jew il-kontribut għall-vjolenza jew id-diżordni, kemm jekk ippjanati jew spontanji, fi jew inkonnessjoni ma' avveniment tal-futbol

LISTA TA' KONTROLL TA' PARTITARJI RISKJUŻI

Elementi	Kummenti ta' Spjega
ORDNI PUBBLIKU	
Rivalità storika bejn il-klabbs	
Vjolenza mistennija	
Imgħiba razzista	
Partitarji tal-viżitaturi li x'aktarx ikunu fis-settur tal-ospitanti	
Invażjoni tal-grawnd	
Problemi relatati mal-alkoħol	
Użu ta' armi	
Għarfien ta' tattiki tal-pulizija	
Oħrajn	
SIGURTÀ PUBBLIKA	
Theddid terroristiku	
Tensjoni politika/użu ta' banners	
Użu probabbli ta' fumoġeni/logħob tan-nar	
Partitarji li jivvjaġġaw mingħajr biljetti	
Biljetti tas-suq l-iswed	
Oħrajn	
ATTIVITÀ KRIMINALI	
Biljetti foloz	
Bejgħ/użu ta' drogi illegali	
Oħrajn	